# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com

Ħarġa Nru 26



Kull pajjiż nisrani għandu l-istejjer tiegħu simili bħal tagħna. Il-fidi tagħna le, mhijiex illużjoni, qisna tfal li jibilgħu kollox. Nemmnu li 'l fuq mill-ħila tal-bniedem hemm id-Driegħ setgħani ta' Alla. Hemm l-interċessjoni ta' Omm Ħanina u Setgħana li hija l-Avukata tagħna quddiem it-Tron ta' Binha li huwa s-Sid tal-Istorja.

Bl-Iżbandola ta' David ma nibżgħu mill-ebda Golija !

L-ex-voti, il-kwadri tal-wegħdiet fis-Santwarji, mhumiex għajr priedka ħajja ta' kemm fis-siegħa tal-bżonn Marija taqbeż għal dawk kollha li jirrikorru lejha.

## FIHA SENS LI TITLOB ?

Jekk fl-Assedju l-Kbir, 1565, il-Kavallieri u l-Maltin kenux jirreċitaw ir-Ružarju biex is-Sema tagħtihom ir-rebħa – ma nafux. Ċertament kienu jitolbu! Il-fiduja waħdanija tagħhom kienet fl-għajnuna ta'Alla u tal-Verġni Mbierka. Effettivament, ir-rebħa kważi mirakoluża waslet fil-Jum tat-Twelid tal-Verġni Marija.

Tul is-snin tal-Aħħar Gwerra, iva, nafu mix-xhieda ta' nies li għadhom ħajjin li r-Ružarju ma kien jaqta' qatt fil-kenn tal-blat.
Il-Konvoy ta' Santa Marija; li l-Italja ċediet nhar it-8 ta' Settembru 1943; li Malta ħelset mill-invazjoni li dejjem kienet minaċċja kontinwa u r-rebħa – dan kollu juri li t-talb u l-fidi mhumiex oppju jew ħarba mir-realtà imma huma veri u effikaċi.

## IR-RUŻARJU HUWA T-TALBA FAVORITA TIEGĦI !



## FIR-RUŻARJU NIDĦLU FL-ISKOLA TA' MARIJA NIKKONTEMPLAW IL-WIĊĊ TA' ĠESÙ !